# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DIGRIET

**Kaz Numru 2905 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Laurence Hili**

**u**

**Melita Marine Ltd.**

**Illum 28 ta' Settembru 2011**
**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

1. **Dahla**

   Nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju 2011, wara l-qari' tad-digriet rigwardanti l-eccezzjoni li ghamlet il-kumpanija intimata fid-dikjarazzjoni tal-kaz, l-Avukat Luigi Sansone, f'isem il-kumpanija intimata, ipprezenta rikors li fih talab lit-Tribunal Industrijali biex jappella mid-digriet qabel ma jinstemghu l-merti tal-kaz. Fl-istess seduta l-Avukat Anglu Farrugia, f'isem ir-rikorrent, argumenta kontra l-istess talba.

2. **Lista ta' dokumenti**

   L-Avukat Luigi Sansone f'isem il-kumpanija intimata esebixxa rikors datat 15.06.11.

3. **Trattazzjoni tal-partiijiet rigwardanti r-rikors**

   3.1 L-Avukat Luigi Sansone vverbalizza l-argumenti ulterjuri tieghu in sostenn tar-rikors kif jidher fit-traskrizzjoni tal-istess seduta.

   3.2 L-Avukat Anglu Farrugia vverbalizza t-twegiba tieghu kif jidher fit-traskrizzjoni tal-istess seduta.

## 4. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

It-Tribunal Industrijali:

3.1 Ra r-rikors tal-kumpanija intimata datat 15 ta' Gunju 2011.

3.2 Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

3.3 Ghamel riferenza ghad-digriet fuq talba identika moghti mit-Tribunal Industrijali diversamernt presjedut fil-kaz Numru 2506.

3.4 Iddecieda kif jidher hawn taht.

## 5. Digriet

It-Tribunal Industrijali kkonkluda illi peresss li jkun opportun li tali appell isir fi stadju ulterjuri, ossia meta l-kaz jigi deciz definittivament, jichad it-talba.

________________

A. DEGIOVANNI
Chairman